MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 567/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
v

**KEVIN VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN VELLA** ta' tlieta w tletin sena bin Alfred u Jane nee Micallef, imwieled Sliema nhar t-tletin ta'April 1968 u residenti 'Le Foyer', Triq il-Keffa, l-Ibragg, detentur tal-karta tal-identita numru 242168M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta' Settembru 2001 u f'dati precedenti fil-hanut Satellite Centre, f'St. Andrews, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti li kienu jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. ghamel qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, bidel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bihj jista jikkonneti kontra l-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;

2. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanufattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti kif wkoll jekk iokun il-kaz li tikkundanna lil Kevin Vella ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.
Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 a fol 115.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tlieta ta' Dicembru 2003 li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta a fol 181 tal-atti odjerni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-tmienja ta' Ottubru 2001 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** kif jirrizulta a fol 22 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien ircieva rapport minghand rapprezentant tas-socjeta estera Airdeto fejn gie allegat li kien hemm xi decoders ghall-bejgh fil-fond Satellite Centre ta' St.

Andrews Road, St. Andrews. Huwa ghalhekk ghamel tfittxija u sab xi affarijiet li bihom fil-fehma tieghu, wiehed jista jikkonnetti ma satelliti u jircievi sinjali ghal stazzjonijiet ta' television minghajr awtorizzazzjoni. Waqt l-ispezzjoni sab lil imputat fuq internet site inizzel xi *codes* u ghalhekk eleva diversi oggetti mill-istabbiliment tieghu. Fost l-affarijiet li huwa ha kien hemm l-computer, numru ta' smart cards u millenium programme. Qal wkoll li kellu reklam mal-hgieg tal-hanut tieghu bil-kliem "Seka Vakes Airdeto I & II all in one box with one card". Wahda mill-cards li giet elevata kellha l-kliem 'For upgrade please call Satellite Link Co. Ltd.,"

Illi nhar it-tmienja ta' Ottubru 2001 **xehed Dottor David Tonna** kif jirrizulta a fol 26 et seq tal-atti odjerni fejn qal li huwa kien qed jidher bhala mandatarju tas-socjeta estera Airdeto. Huwa ghamel referenza ghal kwerela minnu redatta nhar t-tlettax ta' Lulju 2001 esibita fl-atti a fol 14 markata bhala dokument DT. Minn ezami tal-istess jirrizulta li fil-fatt huwa talab li jittiehdu passi kriminali kontra s-socjeta Satellite Home Systems ta' SHS Limited li kellha fil-pussess taghha numru ta' oggetti ta' uzu relatati ma milli ta' smart cards vojta. Huwa pero kien qed jghid hekk fuq l-informazzoni li tawh il-mandatarji tieghu mhux ghaliex mar hu fil-fond minnu msemmi.
Illi nhar it-tmienja ta' Ottubru 2001 **xehed PC 474** kif jirrizulta a fol 29 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien presenti wat li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita fl-atti w immarkata bhala dokument JC 1. Huwa kien wkoll ha sehem fit-tfittxija mal-Ispettur fil-fond Satellite Centre ta' St. Andrews Road, St. Andrews nhar t-tmintax ta' Settembru 2001. Huwa ma gabar xejn u kien l-Ispettur li kien eleva l-oggetti esibiti f'dawn l-atti u stqarr li huwa ma jifhem xejn fuq kwistjoni ta' IT.

Illi nhar il-hmistax ta' Ottubru 2001 **xehed Stephen Kuster** li huwa Chief Investigator tal-Olanda, kif jirrizulta a fol 47 et seq tal-atti fejn qal li kien hemm socjeta Maltija li kienet qed tbiegh smart cards li ma kienux ufficjali fis-sens li ma kienux gew mibjugha lilhom mis-socjeta li hu jirrapprezenta Airdeto. Huma smart cards li gharrfu *cripled messages*. Spjiega li s-socjeta estera kienet

baghtet persuna li hu ma jafhiex, biex tixtri dawn l-imsemmija cards u allegatament xtrathom minghand l-imputat. Mistoqsi jekk jafx x'jismu l-hanut minn fejn jopera l-imputat, ix-xhud wiegeb li a memoria ma jafx u li kull ma rrizulta lil dan il-barrani, hu nizzel fir-rapport li ghamel. Spjiega li hemm hames sistemi ta' *cription* u s-socjeta li jirrappresenta Airdeto ghandha wahda minn dawn is-sistemi.

Illi nhar t-tmienja ta' Ottubru 2001 din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil espert tekniku Martin Bajjada sabiex jezamina d-dokumenti esibiti w immarkati bhala dokumenti 1 sa 34.

Illi nhar it-tnax ta' Novembru 2001 **xehed Martin Bajjada** kif jirrizulta a fol 101A et seq tal-atti wara li ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB. Minn ezami tal-istess jirrizultaw fil-fehma tieghu s-segwenti konkluzzjonijiet u cioe li "Wara li ezamina d-dokumenti markati minn 1 sa 34, l-apparat u l-oggetti elevati minn gewwa l-istabbiliment Satellite Centre huma bizzejjed sabiex wiehed b'dan l-apparat u oggetti jaghmel kopji ta' smart cards. Illi apparti minn dan l-apparat cioe d-digital programming cards, jintuza esklussivament sabiex isiru kopji ta' diversi smart cards kif wkoll programming ta' ceprom's liema ikkuppjar u programming, taht certi cirkostanzi, huwa permessibbli u awtorizzat mill-kumpaniji rispettivi. Illi certu apparat u oggetti minn dawk elevati, bas-satellite receivers, il-computer, smart cards, CAM's referenzi ghal web sites, channel keys u digital programming devices <u>huwa aparat li wiehed jistenna li jsib gewwa stabbiliment ta' dan il-generu u barra minn hekk huwa apparat w oggetti li ma hemm xejn illegali</u> dwarhom. <u>Pero l-uzu taghhom</u>, oltre ghal funzjoni li ghalihom dan l-apparat u oggetti gew manifatturati, huwa projbit kif wkoll kontrollat mill-awtur bhala dritt intellettwali.

Illi l-elementi mportanti li setghu jistabilixxu immedjatament u <u>bla ebda dubbju</u> jekk minn gewwa l-istabbiliment ta' Satellite Centre kienx qed jigu riprodotti smart cards jew alterati smart cards, huwa kif kien ikkomunikat ma xulxin dan l-apparat kollu. <u>Purtroppo</u> dan

ma giex stabbilit u lanqas ma ttiehedet fotografija ta' kif instab dan l-apparat...

Illi meta l-esponent wizen il-funzjoni tal-apparat u l-oggetti elevati mill-Pulizija u l-kapacita ta' dan l-apparat u dawn l-oggetti li minnhom isiru kopji jew alterazzjonijiet fuq smart cards, l-esponent wasal ghal konkluzzjoni libla ebda dubbju, l-apparat u l-oggetti huma bizzejjed sabiex wiehed jaghmel kopji jew alterazzjonijiet fuq smart cards. **Pero jekk l-imputat ghamilx uzu minn dan l-apparat ghal dan il-fini, mhux possibbli li jigi ppruvat minnn l-esponent f'dan l-istadju** a bazi tal-informazzjoni generali provduta fil-kwerela tal-parti offiza."

Waqt ix-xhieda tieghu, fuq domanda tal-Qorti jekk kienx hemm xi haga illegali fl-apparat li ezamina, ix-xhud Martin Bajjada wiegeb li l-apparat per se huwa legali. Pero mistoqsi jekk kienx qed jintuza b'mod legali, dan ix-xhud wiegeb li hu mhux f'posizzjoni li jirrispondi u dan ghaliex *fl-ewwel lok* lilu ma rrizultalux kif kien imwahhal/ installat l-apparat li ezamina u fotografija ma ttehditx, *fit-tieni lok* ma hemmx esibit il-bejgh li sar satellite receiver mis-sena 1999 sa dakinhar li xehed u cioe t-tnax ta' Novembru 2001 ghaliex kieku kien hemm, huwa setgha jara jekk inxtarax l-istess ammont ta' smart cards, u *fit-tielet lok*, il-kwerela hija vaga u ma jistax jasal ghal ebda konkluzzjoni jekk b'dak l-apparat sarux kopji bi ksur ta' drittijiet ghaliex ma hemmx dettalji dwar liema pay TV channels jew technical information li kien hemm tali ksur u ghalhekk, liema channels gew kkupjati ma jirrizultax.

Huwa ezamina l-ismart cards esibiti pero ma wasal ghall-ebda konkluzzjoni dwar x'programmi fihom ghas-semplici raguni li tant fihom informazzjoni li jekk jibda jduru ma jispicca qatt. Tant hemm channels li huwa mpossibbli li jarhom kollha, kellu bzonn indikazzjoni liema huma l-pay TV channels li giet miksura d-drittijiet fuqhom u din mill-kwerela ma tirrizultax.

Illi nhar it-tlettax ta' Settembru 2002 **reghha xehed Dottor David Tonna** kif jirrizulta a fol 121 et seq tal-atti fejn ippresenta lista tal-*codes* bil-ghan li l-espert ikun jista

jghamel il-konkluzzjonijiet tieghu fuqhom. Huwa esibixxa wkoll rapport li gie mmarkat bhala dokument DT redatt minn Steven Kuster dwar l-operat tas-socjeta Airdeto access. Bir rispett kollu pero din il-Qorti tirrileva li dan hu rapport ex parte u kuntrarju ghal dak li jsir fic-Civil, fil-kawzi penali ma jikkostitwixxi ebda prova. Molto piu meta tqis li dan lanqas gie kkonfermat mill-persuna li rredigietu u ghalhekk din il-Qoirti ser tiskarta l-fehmiet tieghu in toto.

Illi b'digriet tal-Qorti tat-tlettax ta' Settembru 2002 l-espert Martin Bajjada gie ordnat jirtira d-dokument MT 2 sabiex jezaminah u jirrelata dwaru verbalment lil Qorti.

**Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2002, l-espert Martin Bajjada irtira** dan d-dokument u fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju 2002, huwa spjiega lil Qorti li d-dokument MT 2 ma hux dak li huwa rrimarka dwaru fil-konkluzzjoni tar-rapport tieghu.

Illi **fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju 2002, Dottor Stephen Muscat ghal parte civile rriserva** li jippresenta fl-atti l-HEX Codes in materia pero fis-seduta tat-tlieta ta' Dicembru 2003, huwa rrinunzja ghal tali prova u l-Prosekuzzjoni dakinhar stess iddikjarat li ma kellix aktar provi xi tressaq.

Illi **l-imputat ghazel li ma jixhidtx f'dawn l-proceduri ghalkemm kien irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni** u cioe nhar t-tmintax ta' Settembru 2001, li tinsab esibita fl-atti a fol 16 et seq, markata bhala dokument JC 1.

Illi l-imputat Kevin Vella f'din l-istqarrija jghid li huwa jahdem bhala technician mas-socjeta Satellite Link Co. Limited u li jsewwi televisions u jiehu hsieb il-hanut Satellite News fuq il-computer biex ikun jaf x'inhuma l-ahhar channels. Mistoqsi dwar il-cards li nstabu fil-hanut fejn kien qieghed hu, jghid li kien hemm whud li kienu security cards li jifthu l-bibien u ohrajn li kienu vojta u fil-fatt issuggerixxa lil Pulizija li tippruvhom hi stess. Dwar r-reklam li kien hemm mal-hgieg tal-hanut u cioe "Seka Vakes Airdeto I & II all in one box with one card", l-imputat

ghogbu jibqa sieket u ma jwegibx. Mistoqsi jekk regolarment jipprogrammax smart cards biex wiehed ikun jista jaccessa ghal programmi trasmessi mis-satellita, l-imputat lanqas ma wiegeb.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti pero ser l-ewwel tezamina t-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat u cioe dik kontemplata fl-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, jistampa, jimmanufattura, jidduplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja, jew jbiegh, jqassam, jew mod iehor joffri ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha…"*

U l-proviso ta' dan l-istess artikolu jipprovdi is-segwenti:

*"Procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Illi ghalhekk il-kwerela tal-parti offiza hi dejjem u fi kwalunkwe kaz mehtiega. Bil-kelma "parti offiza" [jew parti leza] wiehed ghandu jifhem mhux semplicement kull min ghandu xi interess li r-reat de quo jigi skopert u/jew punit, jew kull persuna li jkollha dritt taghmel kawza civili ghad-danni minhabba dak l-fatt kriminuz, izda l-persuna direttament w immedjatament milquta bil-fatt in kwistjoni.
Fi kliem iehor, il-persuna *offiza b'reat* fis-sens tal-artikolu 538 ma hiex kull persuna li tista talvolta tipprocedi ghad-danni civili, izda l-persuna li l-interess taghha qieghed jigi specifikament u direttament protett bid-disposizzjoni partikolari.

Fi kliem ***Giovanna Ichino***, fil-monografu **taghha La Parte Civile nel Process Penale - la legittimazione** [Cedam, Padova 1989]

*"Per persona offesa dal reato deva intendersi il titolare dell'intereso specificatamente tutelato dalla norma*

*incriminatrice penale la cui lesione ad esposizione al periodo costituisce l'essenza del reato. Tanti possona essere gli interessi pregiudicanti solo in via eventuale dalla condotta antigiuridco, uno pero deve essere offeso necessariamente perche posso sussistere il reato e tale interesse costituisce il bene giuridico protetto dalla norma penale."*

Fil-kaz in dezamina ma hemmx dubbju li parti leza hija l-persuna li l-jeddijiet taghha li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur [Rights of Copyright] ikunu qed jigu vjolati. Jekk f'dan il-kaz kien hemm xi rights of copyright li kienu qed jigu vjolati, il-parti leza kienet is-socjeta estera Airtedo Access BV tal-Olanda.

Issa skond l-artikolu 536 tal-Kap 9 applikabbli wkoll ghal kontenut ta' kwerela skond l-artikolu 539 tal-istess Kap 9:

*"Id-denunzjant ghandu jfisser car il-fatt b'irqaqat kollha tieghu u ghandu jaghti kemm jista jkun dawk il-partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw r-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif wkoll li juru minn huma l-awturi u l-komplici."*

Issa minn ezami tal-kwerela esibita fl-atti bhala dokument DT a fol 14, jirrizulta li l-kwerelanti Airdeto Access BV xtaqu jiehdu passi kriminali ai termini tal-artikolu 29A u 298B kontra s-socjeta Satellite Home Systems of SHS Limited. Illi di piu l-kwerelata stqarret li din is-socjeta ghandha l-pussess ta' oggetti li jintuzaw biex jillowdjaw l-ismart cards.

Issa minn ezami tal-provi jirrizulta li l-Pulizija hadet passi kontra Kevin Vellka de proprio u mhux kontra s-socjeta indikata fil-kwerela u mill-provi prodotti lanqas ma jirrizulta li l-imputat ghandu xi konnessjoni mas-socjeta indikat fil-kwerela SHS Limited. L-imputat fuq ammissjoni tieghu stess, jahdem ghas-socjeta Satellite Link Company Limited. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm xi konnessjoni bejn is-socjeta Satellite Link Company Limited u SHS Limited u ghalhekk il-Qorti ser tieqaf hawn dwar din l-akkuza peress li ghal procediment ta' din l-

akkuza tali artikolu 298(1)B huwa mehtieg sine qua non il-kwerela tal-parti offiza, li ma tirrizultax mill-atti.

Dwar **l-ewwel** akkuza, u cioe dik kontemplata fl-artikolu 298(1)(a0 tal-Kap 9 u cioe li l-imputat:

*"Ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, bena, biddel, ghamel,* ***ipposeda, biegh*** *jew xtara xi aparat li bih jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema ta' telekommunikazzjoni."*

Illi ghalhekk sabiex jissusisti tali reat il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi kollha u cioe f'dan il-kaz, li l-imputat ipposeda apparat li bih jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema ta' telekommunikazzjoni ghal qligh jew bi skop ta' kummerc.

Illi l-Qorti kienet nnominat lil espert Martin Bajjada in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 650(1) tal-Kap 9 ghaliex kien jinhtiegilha hila jew sengha specjali sabiex jigu ezaminati d-dokumenti mmarkati minn 1 sa 34.

Issa huwa minnu li skond l-artikolu 656 tal-Kap 9, min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghal fehma tal-periti kontra l-perswazzjoni tieghu. Pero f'dan il-kaz, stante li l-ezami kien wiehed purament tekniku, il-Qorti ma tistax ma toqghodx fuq dak li kkonkluda l-espert salv jekk ma tirrizultax xi prova kuntrarja li thoss li ghandha tabbraccja.

F'dan il-kaz il-Qorti tirrileva li l-provi kienu skarsi mhux tort tal-Prosekuzzjoni izda tort tal-parte civile li originarjament ippresentaw l-kwerela taghhom u dan ghaliex ma pprovdewx l-informazzjoni kollha rikjesta kemm lil Prosekuzzjoni kif wkoll lil Qorti.

Illi minn ezami tar-rapport tal-espert jirrizultaw hafna nuqqasijiet li ma waslux lil perit jikkonkludu li l-oggetti li nstabu fil-pussess tasl-imputat, kienu qed jintuzaw ghal skop illegali. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel xi qligh bl-oggetti misjuba ghandu jew li ghamel xi attivita bi skop ta' kummerc.

Illi l-imputat huwa impjegat mas-socjeta Satellite Link Company Limited u zgur ma jistax jinstab responsabbli ghar-reklam li deher mal-hgieg tal-istabbiliment Satellite Centre, ghaliex tali fond ma hux tieghu u mill-provi ma jirrizultax li hu kien qed jaghmel xi xoghol illegali f'dak il-hanut meta gie spezzjonat mill-Pulizija.

Illi hu ta spjiegazzjoni x'kien qed jaghmel fuq il-computer waqt l-ispezzjoni li saritlu ghall-gharrieda u cioe jsegwi satellite news li wara kollox jifforma parti ta' interess mix-xoghol tieghu.  Illi tali xhieda ma gietx kontestata u ghalhekk il-Qorti m'ghandix l-ghala ma temmnux.

**F'dawn ic-cirkostanzi, b'mod partikolari fid-dawl ta' dak sottolineat mill-espert tekniku, u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 298(1)(a) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat KEVIN VELLA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------